**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 5/2015**

**Gregory Schembri [K.I. nru 516629M] ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Siggiewi Construction Company Limited (Reg. C608)**

**vs**

**Ludwig Cassar [K.I. nru 158880M]**

**Illum 14 ta' Jannar, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk;

> Illi huwa dahal f'kuntratt ta' lokazzjoni mal-intimat permezz ta' skrittura privata bil-kera ta' mija u disghin ewro (€190) fix-xahar ghall-post 10 Triq il-Maqsab, Wied il-Ghajn. L-ewwel skadenza fit-30 ta' Novembru 2014.

Illi l-imsemmi intimat ghalkemm interpellat diversi drabi ghall-hlas tal-kera u cioe l-ewwel b'ittra interpellatorja datata 14 ta' Novembru 2013, wara b'ittra interpellatorja ohra tad-9 ta' Jannar 2014, sussegwentement b'ittra ufficjali prezentata fl-24 ta' Marzu 2014 debitament notifikata fl-1 t'April 2014 u ittra interpellatorja ohra din id-darba registrata datata 12 ta' Settembru 2014 li giet notifikata fis-17 ta' Settembru 2014 mmarkati bhala dokumenti GS 1 sa 4 dan baqa' inadempjenti.

Illi ai termini tas-sub-artikolu (a) l-artikolu disa (9) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimat gie debitament interpellat sabiex jhallas il-kera li lahqet ddekorriet.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li dan il-Bord joghgbu jiddikjara li l-intimat baqa inadempjenti mill-obbligi kontrattwali tieghu ghall-hlas tal-kera dovuta u billi gie debitament interpellat ai termini tas-sub-artikolu (a) tal-artikolu disa (9) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li l-intimat jigi ordnat ai termini li jigu prefissi minn dan il-Bord sabiex jizgumbra u johrog mill-fond 10, Triq il-Maqsab, Wied il-Ghajn.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza odjerna si tratta minn kawza ta' zgumbrament minhabba morozita' fil-hlas tal-kera.

Illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors promotur fit-26 ta' Awwissu 2015 skond ir-riferta a fol.15 tal-process.

Illi l-intimat naqas li jidher quddiem il-Bord u li jintavola risposta ghar-rikors promotur.

Illi fl-ahhar seduta r-rikorrenti resqu l-provi taghhom liema provi jikonsistu fix-xhieda tar-rikorrent Gregory Schembri li kkonferma li l-intimat ma ghamilx il-hlasijiet dovuti, kif ukoll li ma rritornax ic-cwievet.

Ra illi r-rikorrent interpella lill-intimat sabiex jaghmel il-hlas dovut skond l-Artiklu 9 paragrafu (a) subinciz (i) u ressaq kopja ta' tali interpellazzjonijiet esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process annessi mar-rikors promotur.

Ghaldaqstant, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha minn dan il-Bord.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond u ghal dan il-ghan qieghed jipprefiggi terminu ta' tletin (30) jum mil-lum sabiex l-intimat jizgombra mill-imsemmi fond, bl-ispejjez tal-prezenti proceduri a karigu tal-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur